DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR162149** **04.10.2016**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati jappella sabiex dak li hu Malti fl-arkitettura kontemporanja jiżżewwaq u jkun integrat mal-imgħoddi tagħna għall-ġejjieni ta' Malta***

F'diskors li għamel matul it-tnedija uffiċjali tal-ktieb *Contemporary Architecture in Malta* tal-Professur Conrad Thake, fil-Parlament ta' Malta, l-Ispeaker Anġlu Farrugia saħaq fuq ir-responsabbiltà li nħarsu l-patrimonju storiku u ambjentali ta' pajjiżna għaliex dawn huma parti integrali mill-memorja kollettiva tal-poplu Malti. Hu jqis kull forma ta' arkitettura bħala wirt li turi tassew min aħna kemm bħala individwi u wisq aktar bħala ġens, poplu u nazzjon.

L-Ispeaker feraħ lill-Professur Thake għall-ktieb tiegħu, u appella lil dawk involuti fil-ħtieġa ta' rispett aktar lejn il-wirt kulturali u storiku ta' pajjiżna, inkluż il-ħarsien tal-kampanja Maltija u l-ispazji għar-rikreazzjoni, sabiex jagħrfu jintegraw aktar il-ħtiġijiet tal-lum u tal-ġejjieni f'kuntest urban kulturali u storiku li jkun imżewwaq, b'mod aċċettabbli, b'elementi, li għalkemm jistgħu jkunu kumplessi, fl-istess waqt juru tassew dak li hu Malti u li jagħti prijorità lill-ġid komuni. Hu temm id-diskors billi appella li dak li hu Malti bħala kontemporanju, jeħtieġ li jiżżewwaq u jkun integrat mal-imgħoddi tagħna għall-ġejjieni ta' pajjiżna.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**